# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 29 ta' Novembru, 2019.**

**Numru 5**

**Rikors numru 658/14 MCH**

**Josephine Camilleri, Mary Mifsud, Emanuel Camilleri, Victoria Saliba u Paul Camilleri**

**v.**

**Joseph Camilleri**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell ad istanza tal-konvenut Joseph Camilleri mis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Frar 2018, li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata u minflok tiċħad it-talbiet attriċi. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tal-25 ta' Lulju, 2014 li jghid hekk:

"1. Illi r-rikorrenti u l-intimat huma lkoll ahwa wlied id-defunta Antonia Camilleri li mietet fl-1 ta' April 2014;

"2. Illi l-imsemmija Antonia Camilleri ghamlet testment sigriet datat 22 ta' Gunju 2011 fl-atti tan-Nutar Dr Marco Burlo, liema testment sigriet gie ppublikat u miftuh fil-15 ta' Lulju 2014 hekk kif ordnat mill-Qorti hekk kompetenti;

"3. Illi l-imsemmija Antonia Camilleri kienet imhedda u mgieghla bil-qerq biex taghmel testment u thalli bhala eredi universali taghha lill-konvenut intimat;

"4. lIli ghalhekk a bazi tal-artikolu 605 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta, l-intimat ma huwiex dehen u kapaci biex jircievi b'testment l-eredita lilu mhollija mill-mejta Antonia Camilleri;

"Ghalhekk l-atturi rikorrenti qed jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti:-

"1. Tiddikjara li Antonia Camilleri li mietet fl-1 ta' April 2014 giet imhedda u mgieghla b'qerq mill-konvenut biex taghmel it-testment fit-22 ta' Gunju 2011 fl-atti tan-Nutar Marco Burlo u ppublikat fil-15 ta' Lulju 2014, u thalli bhala eredi universali taghha lill-istess Joseph Camilleri;

"2. Tiddikjara li ghalhekk il-konvenut intimat mhuwiex dehen u kapaci biex jircievi b'testment l-eredita tal-mejta Antonia Camilleri;

"Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.

"Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

"1. Illi din hija t-tieni talba frivola u vessatorja li qieghdin jaghmlu l-atturi f'din il-kawza billi kienu diga, sahansitra meta omm il-kontendenti, Antonia Camilleri kienet ghadha hajja f'liema kawza u cioe citazzjoni numru 1169/13JRM fl-ismijiet Josephine Camilleri noe et vs Yvonne Camilleri et bhalissa pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament ippreseduta u ddiferita ghat-2 ta' Ottubru 2014 meta anke f'dik il-kawza kienu allegaw l-istess ezatt pero dik id-darba fil-konfront tan-nutar Marco Farrugia illi l-kuntratt ta' donazzjoni li kienet ghamlet il-kontendenti dwar in-nofs indiviz taghha tal-garaxx imsemmi fl-istess citazzjoni u cioe li n-Nutar dahak mhux biss bl-atturi izda sahansitra dahak b'ommhom, mara anzjana fejn gie allegat, illi n-Nutar Marco Farrugia kien gieghel lill-mejta Antonia Camilleri tiddonna sehema mill-garaxx lil mart l-eccipjenti "... kontra l-volonta taghha, bi zbal, b'theddid u bi vjolenza u anke b'ghemil

doluz. Komplew iziedu d-doza fl-imsemmija citazzjoni r-rikorrenti meta nvolvew ukoll lill-eccipjenti u martu fil-qerq li allegaw u cioe bil-kliem "illi ghalhekk il-kunsens ta' Antonia Camilleri fil-kuntratt ta' donazzjoni msemmi gie mehud b'mod illegittimu, b'theddid, bi vjolenza, bi frodi, kontra l-volonta taghha u bi zbal stante li l-imsemmija Antonia Camilleri kienet ta' volonta tant debboli li kienet strument f'idejn l-intimati u giet abbuzata minnhom bl-aktar mod infami u ghalhekk dan il-kuntratt ghandu jigi annullat ghax hija qatt ma riedet titrasferixxi sehem mill-proprjeta imsemmija lill-intimata Yvonne Camilleri." Ic-citazzjoni fuq riferita u n-nota tal-eccezzjonijiet ghaliha mill-intimat u martu Yvonne qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala dokument A ghal riferiment aktar facli.

"2. Illi f'din il-kawza issa messet lin-Nutar Burlo li jigi mmalafamat u ddikkarat bhala halliel, dizonest u li gieghel li jsir theddid fuq mara xwejha u li sahansitra uza vjolenza kontra taghha biex igghielha taghmel it-testment sigriet li ghamlet, dejjem dan skont l-allegazzjoni infami tar-rikorrenti meta din innominat bhala eredi universali taghha lill-uniku wiehed minn ulieda li ghal snin twal indukra u ha hsiebha fil-bzonnijiet kollha taghha, kien imur jara darbtejn kuljum waqt li kienet fi djar tax-xjuh, jitmahha, johrogha u jwenisha kif kienet taghmel ukoll martu Yvonne li kontra taghha wkoll tant tfajjru akkuzi fahxija mir-rikorrenti.

"3. IIli kif ghandu jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza dan it-tieni attentat li qed isir mir-rikorrenti mhu xejn hlief imsejjes fuq allegazzjonijiet kompletament infondati ghar-raguni illi omm il-kontendenti kif kellha kull dritt taghmel ghazlet li tippreferixxi dak minn uliedha li kien jisthoqlu l-apprezzament taghha ghal dak li ghamel maghha minn meta ma' baqatx kapaci tiehu hsieb lilha nnifisha u meta wkoll l-istess Antonia Camilleri giet abbandunata minn ulieda l-ohra, ir-rikorrenti.

"4. Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

"Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

"Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

"**Ikkunsidrat**

"**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

"F'din il-kawza, l-atturi jqisu li testament sigriet li ghamlet Antonia Camilleri fil-22 ta' Gunju 2011 ma jiswiex ghaliex kien ir-rizultat ta' pressjoni billi t-testatrici kienet mhedda u mgieghla bil-qerq biex taghmel testment u thalli bhala eredi universali taghha lill-konvenut b'mod li r-rieda tat-testatrici ma kinitx dik li tohrog mill-imsemmi testment. Ghalhekk a bazi tal-artikolu 605 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta, il-konvenut ma huwiex dehen u kapaci biex jircievi b'testment l-eredita lilu mhollija mill-mejta Antonia Camilleri.

“Il-konvenut wiegeb li hu l-uniku wiehed minn ulied Antonia Camilleri li ghal snin twal indukraha u ha hsiebha fil-bzonnijiet kollha taghha, kien imur jaraha darbtejn kuljum waqt li kienet fid-djar tax-xjuh, jitmahha, johrogha u jwennisha kif kienet taghmel ukoll martu Yvonne. Ommu kellha kull dritt li tippreferixxi dak minn uliedha li kien jisthoqlu l-apprezzament taghha ghal dak li ghamel maghha minn meta ma baqghetx kapaci tiehu hsieb lilha nnifisha u meta wkoll l-istess Antonia Camilleri giet abbandunata minn ulieda l-ohra, l-atturi.

“Biex isahhu l-fehma taghhom, il-kontendenti ressqu xhieda u dokumenti. Iz-zewg partijiet huma konvinti li qeghdin jitkellmu u jixhdu dwar l-istess persuna u x-xewqat taghha.

“**Provi u rizultanzi**

“Emanuel Camilleri xehed li huma qeghdin sitt ahwa, hamsa minnhom l-atturi u l-konvenut. Hadd minnhom ma baqa’ jghix fid-dar tal- genituri u r-relazzjoni bejn l-ahwa kienet wahda tajba sakemm mietu l-genituri. Il-konvenut kien iqarraq bil-genituri tieghu anke meta missierhom kien ghadu haj bhal meta ha ghalih il-kumpens ta’ art tal-Ghallis jew meta kien ha flus mill-kont bankarju ta’ missierhom bil-prokura li kellu. Il-genituri taghhom dejjem riedu li l-gid taghhom jinqasam ugwalment bejn l-ahwa.

“Ommhom kienet tbati minn depressjoni u kienu tawha zewg strokes qawwija u iehor hafif u spiccat b’nofs gisimha paralizzat. Hi ghamlet tletin sena gewwa home u sptarijiet. Huma kien jiehdu hsieb ommhom specjalment il-bniet waqt li l-konvenut kien jahdem barra fuq bastiment. Ommhom kellha diffikolta biex titkellem, kienet tirrepeti hafna u kellha dimenzja akuta peress illi kienet tinsa hafna u ftit li xejn kienet tkun taf x’inhi taghmel. Hija kellha diabete qawwija tant li fl-ahhar kellha saqajha amputati. Qabel hija kienet go wheel chair u anke bed-ridden. Minhabba s-sitwazzjoni t’ommhom huma kellmu tabib li ezaminaha u rrilaxxja certifikat mediku Dok. EMM4 datat 7 ta’ Settembru 2010 fejn issuggerixxa li ommhom tigi interdetta. Ghalhekk kien sar rikors il-Qorti f’dan is-sens u t-talba intlaqet. Kienu ppruvaw jinnotifikaw lill-konvenut b’dan id-digriet diversi drabi izda r-riferta kienet negativa.

“F’dan il-perjodu kien sar kuntratt li qed jigi kontestat legalment fejn ommhom tat b’donazzjoni garaxx lil mart il-konvenut u testament sigriet li ukoll qed jigi kkontestat fejn ommhom halliet lill-konvenut uniku eredi. Dak iz-zmien ommhom ma kelliex il-fakolta necessarja li taghmel testament. Il-konvenut kien anke ghamel rikors biex id-digriet ta’ interdizzjoni jigi revokat izda dana ma giex milqugh. Sakemm inghata d-digriet ta’ interdizzjoni, il-konvenut ra x’ghamel biex jiehu kollox b’qerq. Il-konvenut kien jaf b’dawn l-affarijiet kollha meta ghamel dak li ghamel. Ommhom kienet diga ghamlet testament unika karta qabel ma’ missierhom fejn uriet li riedet li gidha jinqasam ugwalment bejn l-ahwa kollha.

“Fuq kontro-ezami wiegeb li l-flus tal-esproprjazzjoni l-konvenut kien ghaddiehom lill-genituri taghhom. Huwa qatt ma rah id-Dok. DB1 a fol. 204. Missierhom kellu kont il-bank fejn tidhol il-pensjoni. Dak iz-zmien il-genituri kienu go home tal-Gvern u 60% tal-pensjoni kien jehodha mal-ewwel il-Gvern. Hu ma jafx kemm kienet il-pensjoni ta’ missierhu. Dwar id-Dok. EMM2 datat Frar 2010 maghmul quddiem in-Nutar John Spiteri jghid li dan sar sena qabel it-testment sigriet li sar f’Gunju 2011. Meta gie ffirmat dan id-dokument il-genituri kienu la tajjeb hafna u lanqas hziena hafna. Dak iz-zmien missierhom kellu 85. Dan sar qalb hafna storbju u ghajjat ghax il-konvenut kien ser jiehu kollox il-Qorti. Missierhom lanqas kien jaf x’qed jaghmel il-konvenut. Id-Dok. EMM3 sar id-dar tieghu. Huwa kien ha lil ommu u missieru mill-home ghad-dar tieghu, u l-ahwa kollha hlief il-konvenut kienu ffirmaw quddiem in-Nutar J.Spiteri u t-tabib Deguara u dana minghajr storbju. Dan kien fit-8 ta’ Lulju 2010 u kien ghad hemm it-testment il-qadim. Din il-kitba saret ghax missierhom kien irrabja hafna fuq li kien gara qabel u qalilhom li l-konvenut m’ghandu xejn izjed minnhom. Il-kitba ppreparawha huma quddiem il-genituri u n-Nutar beda jfehmilhom. Wara din il-kitba ma jafx li missierhom kien rega tah prokura ohra lil konvenut [ara Dok. DB2 a fol. 205]. Huma ma kienx jafu li ommhom ghamlet testament sigriet. Huma kienu qalu lil konvenut li fethu proceduri biex ommhom tigi interdetta u li ohthom kienet inhatret kuratrici. Meta qatghulha saqajha ommhom kien iffirmat ghaliha ohtha li kienet kuratrici. Huma kienu jzuru lil ommhom bhal ma kien jaghmel il-konvenut. Hu kien jiehu hsieb xi affarijiet taghhom ukoll.

“Mary Mifsud u Josephine Camilleri fl-affidavit taghhom ikkonfermaw fl-intier tieghu dak li xehed Emanuel Camilleri fl-affidavit tieghu.

“In-Nutar John Spiteri xehed li hu kien qralhom id-Dok. EMM3 a fol. 34 u kien ghamilha bhala xhud tal-firem. Il-genituri f’dik l-okkazzjoni kienu all right. Ma jiftakarx jekk l-konvenut kienx firmatarju ta’ dan id-dokument.

“In kontro-ezami wiegeb li d-dikjarazzjoni ma kienx ifformulaha hu. Ma jidhirlux li kien hemm glied, forsi xi naqra tension. Ma jiftakarx li kien tah parir biex issir xi dikjarazzjoni ohra jekk riedu jibdlu xi haga mill-ewwel dikjarazzjoni Dok. EMM2.

“Fuq ri-ezami qal li l-familja Camilleri kienu klijenti tal-ufficju taghhom. Mill-2005 hu ma baqax jippublika testmenti biex jevita problemi.

“Nutar Marco Burlo kkonferma li hu kien ipprezenta t-testment sigriet ezibit a fol. 4-7. It-testment sar f’xi Old People’s home. Hu ma kienx jaf lit-testatrici u ma indikatlux li mhijiex kapaci taghmel testment. Meta sar it-testment fit-22 ta’ Gunju 2011, hu ma kienx ra u ma kienx jaf bic-certifikat li kien hareg fis-7 ta’ Settembru 2010 fejn kien hemm rakkomandazzjoni ghal interdizzjoni. Hu ma kienx jaf li kien sar rikors fid-19 ta’ Ottubru 2010 biex din il-persuna tigi interdetta u lanqas li kien inghata digriet fid-9 ta’ Novembru 2011. Jista’ jkun li meta infetah it-testment sigriet kien hemm xi battibekki.

"Fuq kontroezami wiegeb li hu kien mar mas-segretarja meta mar jaghmel it-testment. Il-konvenut kien urihom fejn kienet ommu imma ma kienx prezenti meta sar it-testment. Hi kienet qatlu x'riedet taghmel. Ma kinitx qed tipperturbah ghax kieku ma kienx jaghmel it-testment. Hu beda jistaqsiha u s-segretarja tikteb fuq dettatura tieghu. Hi riedet thalli l-wirt lil wiehed mill-wlied in partikolari. Minghalih hu kien qalilha dwar disgwid li jista jinqala minhabba f'hekk. Biex hu ghamel it-testment bil-fors li kienet cara x'riedet taghmel. Li kieku hija ma kinitx qed tifhem x'qed taghmel ma kienx jaghmel it-testment. In-nurses lilu ma kienu irrimarkawlu xejn dwar l-istat tal-pazjenta dak il-hin. Il-konvenut kien hallsu tas-servizzi tieghu. Dan ma kienx klijent regolari tieghu.

"Dr Anthony Dimech, konsulent psikjatra**,** ikkonferma c-certifikat EMM4 a fol. 36 kien hargu hu fis- 7 ta' Settembru 2010 il-gurnata stess li ezamina lil Antonia Camilleri. Hu sab li l-kondizzjoni taghha kienet qed taffettwa l-funzjoni mentali taghha u ma kinitx kapaci tezercita d-drittijiet civili taghha u kien ippropona li tigi interdetta. Hi ma kinitx pazjenta tieghu u kien raha fuq talba tat-tfal taghha.

"Fuq kontroezami wiegeb li fic-certifikat hu qal li kien il-kaz li l-pazjenta tigi interdetta. Hu ma ccertifikax jekk setghetx taghmel testament jew le. Il-pazjenta kienet beyond incapacitation ghalhekk gie suggerit li tigi interdetta. Ma kellhiex il-mental functions biex taghmel testment. (fol. 214).

"Fuq ri-ezami qal li hu kien kkonsulta man-nurses u l-kartelli klinici u ghalhekk kiteb specifikament, 'nursing staff confirmed a chronic cognitive impairment'. Dan l-impairment jikkunsidrawh biex jaghtu kura ghal dementia. Meta fic-certifikat isemmi li 'she would benefit from interdiction' ried ifisser li tkun protetta mill-ligi ghax hija vulnerabbili.

"Dr Joseph Vella Baldacchino, konsulent psikjatra, xehed dwar id-dokument a fol. 49 sa 52, ir-rapport tieghu prezentat 9 ta' Novembru 2011 fl-atti tar-rikors 702/201AE fejn hu kien gie nominat mill-Qorti Sekond Awla bhala Perit Psikjatra. Kien ghamel rapport iehor a fol. 56-57 meta rega' gie nominat mill-Qorti wara rikors li sar mill-konvenut. Hu kien irrakkomanda li l-pazjenta tigi interdetta. Din kienet tiehu seba' tipi ta'medicini kuljum skont kif irrizultalu mit-treatment chart tar-residenza fejn kienet toqghod. Hu kien nizzel li l-pazjenta kellha cognitive impairment. Minhabba f'hekk hija tkun vulnerabbili u suxxettibbili u jista facilment xi hadd igieghlha taghmel xi haga li ma tkunx tifhem il-gravita` taghha.

"In kontroezami wiegeb li biex tkun interdetta trid tkun aktar gravi milli semplicement jekk ha taghmel testment. It-testijiet huma aktar dettaljati fl-ewwel kaz. Fil-kaz ta' dementia din hija 'step wise deterioration'. F'ezami tieghu hu ma mexiex fuq dak li kien sema dwar il-pazjenta jew mil-familjari imma fuq dak li hareg mill-ezami li ghamel. Ikkonferma li l-

pazjenta kienet ‘in a very vulnerable state’ u tista ccedi malajr ghal pressjoni u ghalhekk issuggerixxa l-interdizzjoni.

“In-Nutar Marco Farrugia xehed dwar il-kuntratt ta’ trasferiment li sar fil-19 ta’ April 2011 fejn Dr.G.Debono kien iccertifikat li Antonia Camilleri setghet taghmel il-kuntratt ta’ donazzjoni Dok. MF1 a fol. 165 ghal servizi li kienu sarulha. Fil-fatt il-kuntratt sar u kieku kien hemm xi haga partikolari ma kienx jaghmlu.

“Dr George Debono, psikjatra, xehed li d-Dok. JC8A a fol. 111 (kopja cara tad-dokument JC8) hargu hu fil-14 ta’ April 2011 wara li ezamina lil Antonia Camilleri. Hu sab li dina kellha ‘contractual ability’, cioe setghet taghmel kuntratt. Hu kien ghamilha domandi biex jara l-orjentazzjoni taghha; jekk kinitx imgieghlha, jekk ghandiex flus il-bank jew jekk id-dar hijiex taghha. Qal li meta johorgu certifikat jghidu lin-nies biex il-kuntratt isir fil-vicin ghax l-affarijiet jistghu jinbidlu, gieli anke l-ghada tinbidel il-posizzjoni ta’ pazjenta. Hu jhobb johrog ic-certifikat meta jkun hemm ukoll in-Nutar. Ic-certifikat li hareg kien tajjeb ghal dakinhar; l-ghada jew pitghada s-sitwazzjoni setghet tinbidel. Jekk ikun hemm arteriscerosis ‘it can get worse overnight’. Hu ma kienx ra sinjali ta’ cognitive impairment. Hu kien raha darba. Il-konvenut kien hadu ghandha. Hu intalab biex jiddikjara jekk kinitx kapaci taghmel kuntratt jew prokura u mhux testament ghax kieku kien kaz ta’ testamentary capacity. Kieku kien jikteb hekk fic-certifikat. Basikament l-ezami ikun l-istess meta johrog certifikat li tista taghmel testment. Hu jstaqsi lil dak li jkun ghalfejn irid ic-certifikat. Hu ma kienx rah il-medical history tal-pazjenta.

“Nutar Victor Bisazza xehed li hu ma jiftakar xejn dwar l-incident li kien gara meta kienet ser issir prokura ta’ Antonia Camilleri u ma thallitx skond kif indikat fid-Dok. MC1 a fol. 141.

“Dr Christopher Deguara xehed dwar ic-certifikat a fol 35. Hu kien jaf lil Antonia Camilleri bhala pazjenta li kien izur meta jkollha bzonn ghajnuna medika. Il-konvenut kien ighajjatlu biex imur jara l-ommu. Lil atturi ma gharafhomx. Hu kien ikellem lill-pazjenta, kienet tispjegalu x’ghandha u kienu jiftiehmu. Hu kien iccertifika kif ra l-pazjenta dakinahar tat- 8 ta’ Lulju 2010.

“Il-konvenut Joseph Camilleri fl-affidavit tieghu jiddikjara li hu kien ighin lil familja tieghu u lill-genituri tieghu u lil hutu, mentri hutu l-ohra dejjem hasbu fihom nfushom u dejjem kienu b’inkwiet mal-genituri. Ommu dahlet f’dar tax-xjuh fin-1989 u damet hemm 25 sena sakemm mietet fis-sena 2014. Hi kienet sofriet tlett strokes imma dahlet il-home mhux minhabba l-attakki ta’ puplesija. Fit-2007 missieru kien dahal ukoll fl-istess home.  Hu kellu prokura generali tal-genituri tieghu. Hutu riedu li jbieghu d-dar tal-genituri biex jiehdu l-flus, izda huwa ma kienx accetta ghax il-genituri ma riedux. Meta kien jiltaqa’ ma’ hutu l-home, dejjem kien jinqala l-glied u l-ghajjat. Hu kien izur il-genituri tieghu b’mod frekwenti u kien jiehu hsieb il-bzonnijiet taghhom (ara Dok. JC3). Il-genituri tieghu kien ikkonfermaw (ara Dok. JC4 u JC5) li kellhom fiducja fl-operat tieghu

bhala prokuratur taghhom. B'ritaljazzjoni ghad-dikjarazzjojni, hutu, minghajr ma kien jaf, gabu dikjarazzjoni ohra Dok. EMM3. Meta sar jaf biha fehem il-genituri tieghu il-kontenut ta' dak id-dokument u gimghatejn wara, fil- 22 ta' Lulju 2010, missieru ghamillu prokura Dok. JC6. Billi hutu ma felhux b'dina s-sitwazzjoni talbu l-interdizzjoni taz-zewg genituri. Missieru miet fis-16 ta' Jannar 2011 ta' 86 sena. Ommu imbaghad ghamlitlu prokura ohra fil-24 ta' Marzu 2011 (Dok. JC7). Kienet saret id-denunzja fil-11 ta' Lulju 2011 u hutu kienu kollha prezenti. Kienet issemmiet l-applikazzjoni ghall-interdizzjoni u n-Nutar Tonio Spiteri kien wissa li ma setghetx issir id-denunzja waqt il-process ta' interdizzjoni u hutu kienu kkonfermaw li kienu waqqfu kollox u ghalhekk in-nutar baqa ghaddej bid-denunzja. Izda fil-fatt hutu ma kienux waqfu kollox u ommu giet interdetta fil-9 ta' Novembru 2011 u ohtu Josephine giet appuntata kuratrici. Hu u ommu ma kienux qablu ma' dina d-decizjoni. Fid- 29 ta' Novembru 2011 kien ghamel rikors (ara Dok. EMM9) fejn talab ir-revoka tad-digriet li gie michud fil-18 ta' Lulju 2012. Il-kuratrici kienet anke impedietu milli johrog lil ommu mill-home (ara Dok. JC9 a fol. 182) u anke rrappurtaw l-ghassa meta ha lill-ommu l-isptar ghal appuntament li kellha (ara Dok. JC10 a fol. 183). Fis-sena 2014 saqajn ommu gew amputati u hi mietet fl-1 ta' April 2014 fl-eta ta' 85.

"Dwar l-ahhar testment t'ommu qal li minn dejjem kienet tghidlu u tippersisti biex igibilha Nutar. Hu ma kellu xejn x'jaqsam mat-testment illi ommu ghamlet man-Nutar Marco Burlo fit-22 ta' Gunju 2011 u lanqas biss kellu idea illi dan it-testment kien sar. Hu kien sar jaf b'dan it-testment meta rah il-kont tan-Nutar. Ma jafx fejn rah il-kont jekk kienx ircevih id-dar jew meta mar jara lil ommu l-home. Ommu qaltlu li n-Nutar gabitu bintu Priscilla Ann Agius. Hu pprezenta CD u dikjarazzjonijiet kontenuti fih immarkati MC1 a fol. 172. Ipprezenta rapport tal-Pulizija Dok. MC2 u Dok. MC3 certifikat tal-mewt ta' missieru.

"Priscilla Agius xehdet dwar id-differenza fir-relazzjoni tan-nanna taghha ma' missierha u ma' hutu. Iz-zijiet kien anke hallew karta fil-kamra tan-nanna biex missierha ma johrogiex. Darba minnhom in-nanna kienet inkwetata hafna u talbitha biex iggibilha Nutar. Hi kienet kellmet lin-Nutar Marco Burlo li mar id-dar il-Mosta. Hi kienet iltaqghet man-Nutar u s-segretarja tieghu barra l-bieb tal-Home u spjegatilhom f'liema kamra kienet qeda. In-Nutar u s-segretarja kellmuha wahedhom.

"Diane Mifsud, xehdet dwar l-okkazzjoni meta iz-zijiet ma kienux hallew lin-nanna Antonia Camilleri taghmel prokura lil missierha.

"Glen Camilleri xehed dwar incident iehor meta kien sab liz-zijiet qed jissiltu u jsawtu lin-nannu fil-kamra tieghu fil-home u wara anke attakkaw lilu u lil missieru.

"Konsiderazzjonijiet ta' dritt

"Illi l-atturi impostaw l-azzjoni taghhom fuq l-artikolu 605(1) tal-Kap. 16 dwar persuni li mhumiex denji jircievu b'testment u senjatament fuq is-subartikolu (c):

> "Kull min –
> " (c) ikun gieghel, jew bil-qerq gieghel lit-testatur biex jaghmel testment, jew biex jaghmel jew ibiddel xi dispozizzjoni testamentarja;
> "Jitqies bhala mhux denn u, bhala tali, ma jkunx kapaci biex jircievi b'testment

"Illi din il-Qorti trid toqghod fuq dak li fuqu tinbena l-azzjoni attrici. F'din il-kawza, l-atturi jqisu li l-ahhar testment ta' Antonia Camilleri bhala rizultat ta' theddid u qerq u ghalhekk ma jiswiex ghaliex kien ir-rizultat ta' pressjoni li huma jghidu li saret mill-konvenut b'mod li r-rieda tat-testatrici ma kinitx dik li tohrog mill-imsemmi testment. Il-Qorti trid toqghod mal-kawzali tal-att promotur ghaliex inkella tkun qieghda tmur lil hinn minn dak mitlub minnha. Il-kwistjoni li trid tiddeciedi dina l-Qorti m'hijiex dwar jekk Antonia Camilleri kinitx f'qaghda mentali li taghmel testment, imma jekk ir-rieda taghha meta ghamlet l-ahhar testment kinitx suggetta ghal theddid u qerq maghmula minn haddiehor u mhux rizultat tar-rieda libera taghha. Minkejja dina l-kawzali, jidher li l-atturi jibnu l-kaz taghhom ukoll fuq allegazzjoni li l-ahhar t-testment ta' Carmela Camilleri sar bla ma hija kienet f'qaghda mentali li tintebah b'dak li kienet qieghda taghmel meta ghamlet it-testment sigriet.

"Ghalkemm dawn il-kawzali huma bejn wiehed u iehor kontradittorji mehudin flimkien ghaliex l-impunjazzjoni tat-testment minhabba theddid jew qerq tippresupponi l-kapacita' tat-testatur, madankollu l-Qorti xorta wahda se tezamina z-zewg possibiltajiet u jekk wahda setghex teffettwa lill-ohra.

"**Dwar azzjoni li tkun bazata fuq inkapacita mentali**

"Ir-regola generali hi li persuna hi kapaci taghmel testment; "Ghalhekk il-prezunzjoni juris tantum, hija li min jaghmel testment huwa kapaci biex jiddisponi mill-beni tieghu, salva l-prova kuntrarja li trid issir minn min jagixxi ghall-impunjazzjoni tat-testment." (**Joseph Vassallo et vs Avv. Dr Victor R. Sammut,** App 24/04/1950, Vol. XXXIV.i.108). F'dik il-kawza il-Qorti elenkat il-principji li ghandhom jigu segwiti f'kazijiet ta' impunjazzjoni ta' testament.

> "1. Illi l-kapacita' li wiehed jaghmel testment hija r-regola u l-inkapacita' hija l-eccezzjoni w ghalhekk il-presunzjoni hija favur il-kapacita', liema presunzjoni hija juris tantum.
> "2. Illi huma inkapaci li jiddeponu f'testment dawk li fiz-zmien it-testment ma jkunux f'sensiehom u illi l-inkapacita' tat-testatur ghandha tigi pprovata minn min irid jimpunja t-testment.
> "3. Illi biex testatur ikun kapaci jaghmel testment, ma hemmx bzonn li jkun perfettament u rigorosament san minn mohhu,

> imma huwa bizzejjed li jkollu l-uzu tar-raguni fi grad tali li jippermettielu li jkun jaf x'inhu jaghmel.
> "4. Illi biex tigi stabbilita l-insanita' mentali tat-testatur hemm bzonn li jirrizultaw indizi gravi.
> "5. Illi l-Qrati taghna dejjem kienu reticenti li jammettu domanda biex jigi annullat testment minhabba insanita' mentali tat-testatur jekk din l-inkapacita' ma tkunx tirrizulta b'mod cert minn fatti precizi w univoci w ma jkunx gie provat li kienet tezisti fil-mument li t-testatur kien qed jaghmel it-testment.".

"Il-prova ghandha tkun konklussiva u kull dubju ghandu jmur favur il validita tat-testment.

"**Dwar l-azzjoni li tkun bazata fuq qerq u vjolenza**

vFil-kaz **Kan. Dekan Francesco Camilleri et vs Salvina Camilleri**, App 19/05/1947 insibu li:

> "Min jimpeddixxi lit-testatar li jahgmel testment jew li jhassar testament li jkun ghamel isir indenn u inkapaci li jircievi b'testment minghand dak it-testatur.
>
> "Ghall-applikazzjoni ta' din id-dispozizzjoni tal-ligi hemm bzonn li jigi ppruvat li kien hemm vjolenza jew dolo minghand dak li l-ligi trid tippenalizza permezz ta' din id-disposizzjoni, jew almenu li huwa kien komplici ma' haddiehor li uza dik il-vjolenza jew dak l-ingann.
>
> "Il-materja hija odjuza, u ghalhekk il-provi ghandhom ikunu cari u konkludenti, u f'kaz ta' dubbju, ghandu jmur favur min huwa azzjonat b'din l-azzjoni.
>
> "Biex tirnexxi dina l-azzjoni huwa mehtieg l-ewwelnett li jigi ppruvat li t-testatur kellu volonta ferma u determinata li jaghmel testament jew li jbiddel dak li gja ghamel. L-atti imbaghad iridu jkunu jikkonsistu fi vjolenza, fisika jew morali, jew f'ingann, u dawn iridu jkunu tali li jimpedixxu lit-testatur li jaghmel it-testment.

"Fir-rigward ta' qerq fil-kawza fl-ismijiet **Vincent Cachia vs Emanuel Cachia** deciza fil-15 ta' Frar 1957, wiehed isib spjegazzjoni dettaljata ta' x'ried ifisser il-legislatur f'dan l-ambitu b'riferenza specjali ghall-qerq. Skont il-Qorti dan jikkonsisti "f'dawk il-maniggi frawdolenti li bihom jigi imqarraq it-testatur u bihom tigi karpita disposizzjoni testamentarja illi diversament huwa ma kienx jaghmel ... biex iwassal ghall-vizju tal-qerq u tan-nullita relattiva tad-disposizzjoni testamentarja il-qerq irid ikun ingust gravi u determinant". Il-Qorti ziedet tghid illi "kull kura, zeghil, attenzjoni, suggerimenti, insistenzi li ma jkunux akkumpanjati minn 'mala arte', minn artifizi ripremevoli, ma jikkostitwixixi il-qerq".

"Il-kwestjoni tal-grad tal-prova li jrid jintlahaq biex iwassal ghall-konvinciment li, minn dak li jidher, il-mejta kienet tassew giet imgeghla jew imhajra b'qerq tersaq biex taghmel it-testment. Dawn il-provi riedu wkoll jintrabtu mal-waqt li kien qieghed isir it-testment minnhom attakkat u mhux minn cirkostanzi li jkunu dehru fi zminijiet ohrajn, qabel jew wara l-fatt (**Mifsud et vs Giordano et**, PA 08/03/1952, Kollez. Vol. XXXIV.ii.404):

> "Illi huwa mizmum li biex l-ghamil qarrieq ikun mottiv ta' nullita' irid jintwera li l-qerq uzat ikun tali li, minghajru, it-testatur ma kienx jaghmel id-dispozizzjonijiet testamentarji li fil-fatt ghamel. Il-fatt wahdu li testatur jiddisponi f'testment b'mod li joqghod ghax-xewqa ta' persuna ohra u biex jikkuntentaha ma tqiesx bhala bizzejjed biex jista' jinghad li tali testment huwa frott il-qerq. Ghaliex biex l-impunjattiva tirnexxi jehtieg jirrizulta li r-rieda tat-testatur giet imdawra minhabba tali qerq u li t-testatur ma kienx jiddisponi kif iddispona li kieku ma kienx ghall-qerq li twettaq fuqu.
> (**Cachia vs Cachia et**, App 15/02/1957, Kollez. Vol. XLI.i.83; **Victoria Xuereb vs Joseph Refalo et**, App. 02/03/2010 u **Hayman et vs Caruana et,** PA 06/04/2011).

"Illi fil-kaz ta' vjolenza li twassal ghal thassir ta' testment jinghad li "non si esige un timore capace di influire sopra un uomo vigoroso; basta che i fatti sieno tali da poterne dedurre che il testatore non abbia disposto di sua piena volonta`, o che la violenza produsse un costringimento capace di obbligare il testatore a fare quello che non avrebbe voluto" [**Laurent** Principii di Diritto Civile (Vallardi Editore, 1881) Vol VIII, Cap. V, sez. IV, nn 4 e 2].

"**Konsiderazzjonjiet ta' dina l-Qorti**

"Illi l-Qorti hejjiet time line tal-fatti u z-zmien rilevanti, li jistghu jghinu ghas-soluzzjoni ta' dina l-vertenza. Dawn jirrizultaw mid-dokumenti ezibiti u mix-xhieda mismugha.

| | |
|---|---|
| "1989 | Antonia Camilleri dahlet f'dar tal-anzjani |
| "2007 | Ir-ragel ta' Antonia Camilleri dahal ukoll fl-istess home. |
| "23/12/2009 | Genituri japprovaw l-operat tal-konvenut |
| "1/2/2010 | Genituri japprovaw l-operat tal-konvenut u anke hutu. [Dok. EMM2 a fol. 33.] |
| "8/7/2010 | Dok. EMM3 a fol. 34 - Dikjarazzjoni tal-genituri li ma ghandhomx fiducja fil-konvenut u riedu li kollox jinqasam indaqs bejn l-ahwa kollha. Cahdu d-dikjarazzjoni li ghamlu fid-Dok. EMM2. Il-konvenut kien ingannhom. Dikjarzzjoni ffirmata quddiem Nutar J. Spiteri u t-tabib Deguara. |
| "22/7/2010 | Prokura tal-missier lill-konvenut |
| "7/9/2010 | Dr Anthony Dimech jiccertifika bzonn ta' interdizzjoni ta' Antonia Camilleri. [Dok. EMM4 p. 36]. |
| "24/3/2011 | Prokura ta' Antonia Camilleri favur il-konvenut |
| "15/4/2011 | Dr George Debono jiccertifika li Antonia Camilleri ghandha contractual capacity. |

| | |
|---|---|
| “19/4/2011 | Donazzjoni ta’ parti indiviza ta’ garaxx minn Antonia Camilleri favur mart il-konvenut fl-atti tan- Nutar Marco Farrugia [Dok. MF1 fol. 165]. Gie uzat c-certifikat ta’ Dr G. Debono (fol 165). |
| “22/6/2011 | Testment Sigriet (Dok. A a fol. 4-7) fl-atti tan-Nutar Marco Burlo. |
| “22/6/2011 | Affidavit ta’ Antonia Camilleri - il-volonta taghha dwar it-testment (fol. 46). |
| “12/7/2011 | Dikjarazzjoni ta’ Antonia Camilleri li hi u zewgha kienu ghaddew il-kumpens tal-esproprjazzjoni tal-art tal-Ghallis u l-qbiela kollha lill-konvenut ghal servigi resi. |
| “9/11/2011 | Rapport Dr J. Vella Baldacchino a fol. 49-52 fejn sab memomazzjoni konsiderevoli fil-kapacita konjittiva ta’ Antonia Camilleri. Persuna vulnerabbili. Interdizzjoni milqugha. |
| “2011 | Il-missier imut |
| “1/4/2014 | Tmut l-omm |

“Wara li ezaminat ix-xhieda, l-Qorti temmen li, fl-ahhar mill-ahhar, kull verzjoni ghandha xi ftit mis-sewwa u xi ftit li hu mzewwaq. In-nuqqas ta’ qbil, evidenti mill-provi, jidderiva mill-apprezzament tal-fatti kif jarawhom soggettivament il-kontendenti. Ghalhekk, il-Qorti trid tfittex il-verita’ minn provi ohra, kemm jista’ jkun li mhumiex marbuta ma xi interess ta’ xi wahda mill-partijiet. Il-partijiet gabu rwiehhom b’dan il-mod minhabba kwestjonijiet jaharqu bejn iz-zewg nahat tul iz-zmien u li anke wasslu ghal tehid ta’ proceduri ohra kemm kriminali kif ukoll civili bejn il-partijiet. Dan ma jfissirx li l-Qorti m’ghandhiex tfittex biex tara fejn huwa s-sewwa kif johrog mill-provi li tressqu quddiemha. Elementi ta’ prova dawn, li proprju ghaliex newtri, oggettivi u mill-fonti indipendenti, spiss iwasslu l-gudikant biex jirrisolvi l-vertenza indipendentement mill-versjonijiet konfliggenti tal-partijiet f’kazijiet fejn, bhal dak taht ezami, dawn ikunu mtappna jew minn interess jew mill-impressjonijiet zbaljati u konfuzi.

“Illi jirrizulta mill-atti li bejn l-ahwa kien hemm nuqqas ta’ qbil u dana billi l-atturi kienu qed ihossu li huhom, il-konvenut, kien qed iqarraq bil-genituri taghhom, partikolarment b’ missierhom, billi allegaw li l-konvenut kien qed jiehu l-flus tieghu, bhal meta ha l-flus mill-esproprjazzjoni tal-art fl-Ghallis; flus mill-bank, il-qbiela u pensjoni ta’ missierhom. Il-konvenut jallega l-istess dwar l-atturi fis-sens li xehed li huma riedu jbieghu d-dar tal-genituri taghhom la darba dawn kienu f’home u riedu jaqsmu r-rikavat mill-biegh tad-dar bejnithom. Il-konvenut oggezzjona u jghid li ghalhekk hutu riedu jinterdicu lill-genituri minhabba f’hekk.

“Illi jirrizulta mill-provi li kienet qed issir pressjoni qawwija fuq il-genituri miz-zewg nahat biex dawn izommu ma’ naha u mhux mal-ohra kif jirrizulta mid-diversi dikjarazzjonijiet kontradittorji li l-genituri ghamlu u li anke saru quddiem Nutara u tobba.

“Jirrizulta wkoll li bejn meta gie introdott ir-rikors ghal interdizzjoni ta’ Antonia Camilleri u sakemm gie degretat ir-rikors fejn din giet

effettivament interdetta, l-konvenut irnexxilu jikkapparra l-proprjeta kollha tal-genituri tieghu ghalih u anke bbenefikat martu billi Antonia Camilleri ghamlitilha donazzjoni ta' parti minn garaxx.

"Il-konvenut isostni li l-volonta ta' ommu kienet li hija tippreferi lilu (u lil martu) mill-ahwa l-ohra kollha ghax huwa kien jiehu hsiebha, mentri l-atturi jinsistu li l-konvenut ma kellu xejn differenti minnhom, u li anke huma kienu jiehdu hsieb ommhom. Inotre jghidu li l-genituri taghhom dejjem kienu jinsistu li riedu jhallu lill-kulhadd indaqs (ara Dok. EMM5 a fol. 38 u EMM3 a fol. 34) u li kien hemm anke testament unika karta f'dan is-sens (Dok. EM1 a fol. 32]. Izda jidher li Antonia Camlleri marret kontra dan it-testment unika karta meta ghazlet lill-konvenut biss.

"Illi meta sar it-testment sigriet ir-rikors ghall-interdizzjoni ta' ommhom kien diga gie pprezentat u kien hemm diga dikjarazzjoni minn konsulent psikjatra li hija ma kinitx kapaci li taghmel testament billi kellha cognitive impairment u li hija kienet persuna vulnerabbili u inflwenzzabili minn terzi. Kien wara li sar dana r-rikors u qabel id-digriet finali fejn Antonia Camilleri giet iccertifikata inkapaci, li allegatament hija talbet li taghmel testament. Il-konvenut ighid li ma kellu xejn x'jaqsam ma' dan it-testment illi ommu ghamlet bl-opra tan-Nutar Marco Burlo fit-22 ta' Gunju 2011 u li lanqas biss kellu idea illi dan it-testment kien sar. Il-konvenut xehed ukoll li lanqas kien jaf li kien hemm talba ghal interdizzjoni ghax sostna li hutu kienu qalulu li kienu waqqfu kollox biex issir id-denunzja tal-missier li kien miet.

"Illi nonostante dina x-xhieda, n-Nutar Marco Burlo xehed li meta hu mar il-home biex jaghmel it-testment kien il-konvenut li urih fejn kienet rikoverata Antonia Camilleri imma ma kienx prezenti meta sar it-testment. Din ix-xhieda ma taqbilx ma dak li jghid il-konvenut fejn qal li ma kienx jaf li ghamlet testament. In-Nutar ma jsemmiex li kienet Prescilla Agius li sejhitlu biex jaghmel it-testment jew li hi kienet urietu fejn kienet in-nanna. Il-konvenut mhux kredibbili meta jghid li hu nduna li ommu kienet ghamlet testament meta sab il-kont tan-Nutar fil-home u imbaghad hallsu. Fil-fehma tal-Qorti l-konvenut hallsu ghax kien hu kien li ordna lin-Nutar biex imur biex ommu taghmel testament favurih.

"In-Nutar Burlo xehed li huwa ma kienx jaf lit-testatrici u li l-konvenut (u mhux Priscilla Agius) ma kienx klijent regolari tieghu. Hu kien ghamel it-testment ghax ma kien hemm xejn x'jindikalu li Antonia Camilleri ma kinitx kapaci taghmel testament nonostante il-kondizzjoni u l-eta taghha. Ma jidhirx li n-Nutar talab xi certifikazzjoni ta' tabib dak il-hin jew li ra l-kartelli klinici taghha. In-Nutar lanqas ma gie infurmat li kien hemm xi proceduri l-Qorti ghall-interdizzjoni tat-testatrici. Ghalkemm fit-testment kienu ser jigu eskluzi l-ahwa kollha hlief il-konvenut, in-Nutar ighid biss li min ghalih kien qal lit-testatrici dwar id-disgwid li jista' jinqala minhabba f'hekk, u jieqaf hemm minghajr ma amplifika. Jghid li kien il-konvenut li hallsu tas-servizzi tieghu.

"Ghalhekk il-konvenut gab prova li xahrejn qabel ommu kienet giet certifikata li kienet kapaci minn Dr G. Debono (certifikat a fol. 111) u wara kienet anke ghamlet kuntratt ghand in-Nutar Marco Farrugia. L-istess Dr Debono fix-xhieda tieghu emfasizza li c-certifikat li huwa kien ghamel kien biss ghal contractual capacity ta' Antonia Camilleri u mhux testamentary. Inoltre huwa nsista li c-certifikat kien jghodd ghal meta huwa ghamlu billi anke wara gurnata wahda l-posizzjoni tista tinbidel. Hu xehed li jhobb johrog ic-certifikat meta jkun hemm in-Nutar ukoll prezenti meta jkun qed isir l-att. F'dan il-kaz hu ma kienx ra l-medical history tal-pazjenta. Meta sar it-testment sigriet kienu lahqu ghaddew xahrejn minn meta hareg dak ic-certifikat u dana minghajr ma wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-fatt li Antonia Camilleri kienet diga gie ccertifikata bhala inkapaci minhabba cognitive impairment u vulnerabilita.

"Dwar il-kwistjoni ta' vulnerabilita' ta' Antonia Camilleri l-Qorti ma ghandhiex dubbju li hi kienet persuna vulnerabbili hafna u influwenzabbli kif gie certifikat aktar minn psikjatra wiehed. Dan hu evidenti wkoll mid-diversi dikjarazzjonijiet li hija ghamlet fejn daqqa tghid li ghandha fiducja fil-konvenut, imbaghad tghid li dana ingannaha u tiffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens quddiem Nutar u Tabib u fejn anke ddikjarat li kwanunkwe dikjarazzjoni ohra li taghmel minghajr ma tkun iffirmata mill-ahwa l-ohra kollha tkun nulla (fol. 34). Wara dana, xi xhur wara, taghmel prokura favur il-konvenut. Hu evidenti li lil Antonia Camilleri kienet qed issirilha pressjoni indebita fuqha miz-zewg nahat u hija kienet tispicca tiffirma dak li jipprezentawlha biex tiffirma.

"Il-konvenut anke pprezenta compact disc ta' xi okkazjonijiet f'hajjet it-testatrici biex juri b'mod haj il-qaghda taghha. Fil-fehma tal-Qorti, apparti d-diskors suggestiv tal-konvenut u martu fil-presenza t'ommu, ic-CD ma jeskludiex il-fatt li t-testatrici kienet vulnerabbili u medikament effettwata minn cognitive impairment li ma jidhirx fuq ic-CD. Il-kondizzjoni imsemmija kienet giet ikkonfermata medikament l-ewwel minn Dr A. Dimech u sussegwentement ikkonfermata minn Dr Vella Baldacchino, mhux darba imma darbtejn, ghaliex il-konvenut kien ipprova jitlob ir-revoka tad-digriet tal-interdizzjoni u Dr Vella Baldacchino rega kkonferma il-konkluzzjonijiet tieghu.

"Fil-fehma tal-Qorti Antonia Camilleri ma kellhiex il-volonta' ferma u determinata li trid il-ligi biex hija tkun tista tiddisponi minn hwejjiegha b'testment. Importanti li jigi rilevat li hija kienet diga ghamlet testament unika karta ma' zewgha; kienet tghid li l-ahwa kellhom jaqsmu ndaqs u anke ddikjaratu bil-miktub. Jigi relevat ukoll li meta wiehed jara x'jghid dan it-testment sigriet fejn gie preferut biss il-konvenut ad eskluzzjoni tal-ahwa l-ohra kollha, dan ma kienx testment indikattiv ta' dispozizzjoni fejn it-testatrici halliet lil uliedha kollha werrieta taghha ndaqs bla ebda preferenzi. Din ma hijiex ir-rieda li l-Qorti tista' bla ezitazzjoni ta' xejn tqisha bhala wahda ragonevoli ghal min ikun jixtieq ihalli kollox kemm jista' jkun indaqs u bla ma jhalli aktar inkwiet wara hajtu, u dana meta qabel kienu qed isiru dikjarazzjonijiet kontradittorju mill-istess testatrici (**Tirchett vs Mangion**, App 22/05/1931, Kollez. Vol. XXVIII.i.74).

"Id-dghjufija fizika ta' Antonia Camilleri, iz-zmien u l-vulnerabilita taghha, kienu tali li holqulha impediment biex tfisser ir-rieda u x-xewqa ferma u determinata taghha jew li tirrezisti ghal xi suggeriment, talba jew sahansitra theddida li seta' ghamililha xi hadd biex tibdel il-fehma taghha.

"Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha u tal-fatti li hargu mill-atti, il-Qorti ssib li ntwera sodisfacentement li dak il-hin li Antonia Camilleri ghamlet it-testment sigriet, ir-rieda taghha kienet karpita minn vizzju billi ntuzat pressjoni maghmula b'qerq fuq mara vulnerabbili, li zammha milli taghmel testment li jiswa u milli tghid fih dak li riedet taghmel bla ndhil.

"**Decide**

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tiddikjara li Antonia Camilleri li mietet fl-1 ta' April 2014 giet mgieghla mill-konvenut biex taghmel, kif fuq spjegat, it-testment fit-22 ta' Gunju 2011 fl-atti tan-Nutar Marco Burlo u ppublikat fil-15 ta' Lulju 2014; konsegwentement tiddikjara li l-konvenut intimat mhuwiex dehen u kapaci biex jircievi b'testment l-eredita tal-mejta Antonia Camilleri a tenur tal-artikolu 605 tal-Kap. 16.

"BI-ispejjez kontra l-konvenut."

**<u>Rikors tal-appell tal-konvenut Joseph Camilleri (14.03.2018):</u>**

3. Il-konvenut Joseph Camilleri ħassu aggravat bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan appell minnha. L-aggravju tiegħu bażikament jirrigwarda l-konklużjoni tal-ewwel Qorti fejn hija rriteniet li:

*"….intwera sodisfaċentement li dak il-ħin li Antonia Camilleri għamlet it-testment sigriet, ir-rieda tagħha kienet karpita minn vizzju billi intużat pressjoni magħmula b'qerq fuq mara vulnerabbli, li żammha milli tagħmel testment li jiswa, u milli tgħid fih dak li riedet tagħmel bla indħil."*

4. Huwa fir-rigward ta' tali konklużjoni jsostni bil-qawwa kollha li ma kien hemm l-ebda pressjoni jew qerq u jargumenta li fil-fatt ma tressqet l-ebda prova konkreta fir-rigward. Huwa jagħmel diversi punti u argumenti

(spiss ripetuti) li din il-Qorti qegħda telenka in suċċint hawn taħt:

- L-ewwel Qorti kkunsidrat biss li ladarba t-testatriċi setgħet kienet bniedma vulnerabbli, ifisser awtomatikament li kienet imġegħla tagħmel it-testment, meta mill-atti tali pressjoni jew qerq imkien ma jirriżulta.

- In-Nutar Marco Burlo xehed li daħal mas-segretarja fil-kamra tat-testatriċi, irriżultalu li kienet luċida, u iddettatlu kif riedet tiddisponi minn ġidha, anke wara li spjegalha l-konswegwenzi tal-fatt li kienet ser tħalli lill-konvenut biss bħala l-eredi tagħha.

- Il-konvenut jew familjari tiegħu lanqas biss daħlu fil-home: ħallew lit-testatriċi man-nutar fil-liberta` kollha.

- Li kieku t-testatriċi kienet verament imġiegħlha, in-Nutar, li huwa serjissimu u b'reputazzjoni eċċellenti b'30 sena esperjenza, kien jinduna jew jissuspetta u kien iwaqqaf il-proċess.

- In-nutar ma talabx psikjatra għaliex ma ħassx li kien hemm bżonn.

- Il-proċess ma twaqqafx għaliex id-dispożizzjonijiet tat-testment jirriflettu x-xewqa tat-testatriċi.

- In-nutar xehed li dak li tniżżel sar fuq dak li saqsa lit-testatriċi. Qal li hija prassi normali li jsaqsi għal darba, darbtejn, tlieta, u ġieli meta jagħlaq il-bieb jgħid lit-testaturi li jekk ma jixtiequx jagħmlu testment jistgħu joħorġu minn għandu qishom għamlu testment minkejja li ma jkunux għamluh.

- Ix-xiehda tal-psikjatri u tobba ftit li xejn jixħtu dawl fuq it-talbiet attriċi, għaliex ix-xiehda tagħhom tirrigwarda l-kapaċita` o meno tat-testatriċi li tiddisponi minn ġidha, kwistjoni li tmur oltre l-premessi, kawżali u talbiet.

- It-testment sar kważi tliet snin qabel ma mietet l-attriċi, u għalhekk kieku verament kienet mhedda jew imġiegħla, setgħet terġa' ġġib lin-Nutar sabiex iddawwar dak li għamlet.

- Anke kieku għall-grazzja tal-argument it-testatriċi kienet mara vulnerabbli, dan ma jfissirx awtomatikament li kienet imġegħla jew mhedda; xorta kien irid jiġi ppruvat il-qerq. Il-vulnerabilita` ta' persuna ma tirrendix testment awtomatikament null.

- F'każ ta' dubju li l-volonta` tat-testatriċi kienet vizzjata minn qerq, il-Qorti kellha tiddeċiedi favur il-validita` tat-testment.

- Il-konvenut dejjem ħa ħsieb ommu u missieru, kuntrarjament għall-atturi.

- Tant ma kienx hemm provi ta' att doluż da parti tiegħu li l-atturi (minkejja l-kawżali u t-talbiet) ibbażaw il-provi tagħhom fuq l-allegazzjoni li t-testatriċi ma kellhiex il-kapaċitajiet mentali sabiex tkun tista' tiddisponi minn ġidha.

- Għalkemm xehdu 4 tobba/psikjatri, l-ebda minnhom ma qal li t-testatriċi f'xi ħin jew ieħor kienet qed tiġi imġegħlha jew imbeżża' mill-konvenut.

- Għalkemm l-ewwel Qorti ikkunsidrat illi kawżali ta' inkapaċita` mentali u kawżali ta' qerq u theddid huma kontradittorji, u minkejja li l-atturi ibbażaw il-kawża fuq l-inkapaċita` tat-testatriċi u mhux fuq att vjolenti jew doluż, il-Qorti straħet fuq il-vulnerabilita` tat-testatriċi.

- L-atturi tul is-snin għamlu l-ħajja tat-testatriċi infern, qatt ma ġabulha rispett, għajjruha, għajtu magħha u kienu jarawha biss bħala wirt.

- Fil-każ tad-dikjarazzjonijiet magħmula minnha, it-testatriċi kellha lill-atturi jgħajtu u jidgħu f'wiċċha, iżda fil-każ tat-testament kienet waħedha man-nutar li kien qed jispjegalha bil-kwiet x' kien qed jiġri.

- It-testment jirrifletti r-relazzjoni li t-testatriċi kellha ma' uliedha, fejn għażlet volontarjament u mingħajr pressjoni jew qerq, li tinnomina lill-konvenut (l-uniku wild tagħha li kien jieħu ħsiebha u joħroġha) bħala l-uniku eredi tagħha.

**<u>Risposta tal-atturi appellati (02.04.2018):</u>**

5. L-atturi appellati wieġbu biex jgħidu li s-sentenza hija ġusta u jistħoqqilha tikseb konferma fl-intier tagħha minn din il-Qorti, bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.

**<u>KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Jiġi osservat fl-ewwel lok li l-atturi aħwa Camilleri mhux qegħdin jippruvaw jimpunjaw it-testment li għamlet ommhom Antonia Camilleri fit-22 ta' Ġunju 2011 minħabba nuqqas ta' <u>kapaċita` mentali</u>. Dak li qegħdin jitolbu hu dikjarazzjoni mill-Qorti li l-<u>kunsens tagħha kien vizzjat</u> minħabba li ġiet imhedda u mġiegħla b'qerq minn huhom il-konvenut Joseph Camilleri biex tinnominah bħala l-eredi universali tagħha, u biex konsegwentement jiġi dikjarat li l-istess Joseph Camilleri mhux dehen li jirċievi b'tali testment abbażi tal-Artikolu 605 tal-Kodiċi Ċivili. Ovvjament f'dak il-każ jiġi li t-testment huwa kollu bla effett.

7. Mis-sentenza appellata jidher li l-ewwel Qorti xtarret sew il-provi u dokumenti prodotti, saħansitra għamlet "*timeline*" tal-fatti rilevanti. Din il-Qorti jidhrilha li huwa opportun li hija wkoll telenka l-fatti rilevanti kronoloġikament, forsi f'daqsxejn iktar dettall mill-ewwel Qorti għal dak li jirrigwarda d-dokumenti imsemmija, sabiex wieħed ikun jista' jifhem aħjar iċ-ċirkostanzi tal-każ.

16.09.1975 **John Camilleri, missier il-kontendenti, għamel testment**[1] fl-atti tan-nutar Dr Tonio Spiteri, fejn innomina lis-sitt (6) uliedu (cioe` l-atturi u l-konvenut) bħala l-eredi universali tiegħu.

13.11.2009 **John u Antonia Camilleri, il-ġenituri tal-kontendenti, għamlu dikjarazzjoni**[2] fejn iddikjaraw li l-ġid tagħhom riduh:

"*jinqasam ugwalment bejn s-sitt (6) aħwa mingħajr ebda preferenzi".*

Dan id-dokument ġie iffirmat mhux biss minnhom iżda wkoll mill-ħames (5) uliedhom l-atturi.

11.12.2009 **Ċertifikat tal-psikjatra Dr George Debono**[3] fejn qal li Antonia Camilleri għandha "*contractual ability*".

01.02.2010 **John u Antonia Camilleri, il-ġenituri tal-kontendenti, għamlu dikjarazzjoni**[4] fejn *inter alia* qalu li:

*"Aħna dejjem kellna u għad għandna fiduċja fl-operat tat-tifel tagħna Joseph Camilleri, bħala mandatarju tagħna u hija x-xewqa tagħna illi huwa jkompli b'dan l-istess inkarigu bħala l-uniku mandatarju tagħna."*

Dan id-dokument ġie ffirmat mhux biss minnhom,

---

[1] Dok EMM1, fol 32
[2] Dok EMM5, fol 38
[3] Fol 130 u tergo
[4] Dok EMM2, fol 33

iżda mis-sitt (6) uliedhom ukoll.

08.07.2010 **<u>John u Antonia Camilleri, il-ġenituri tal-kontendenti għamlu dikjarazzjoni</u>**[5] fejn qalu li ma kellhomx fiduċja f' Joseph Camilleri u li d-dikjarazzjoni preċedenti kienet saret b'rikatt. Huma inter alia iddikjaraw hekk:

*"…m'għandniex fiduċja fl-operat tal-prokuratur li għamilna xi żmien ilu, it-tifel tagħna Joseph Camilleri…irridu li uliedna Josephine Camilleri… u Emmanuel Camilleri…ikunu l-prokuraturi ġenerali tagħha ….Irridu li l-ġid kollu tagħna preżenti u futuri….jinqasmu ugwalment bejn is-sitt aħwa, mingħajr ebda preferenzi. Joseph Camilleri m'għandu dritt għal xejn iktar minn ħutu għal doveri li jagħmel lejna għax ħutu għamlu u għandhom jagħmlu doveri lejna mingħajr ebda ħlas…..id-dikjarazzjoni li aħna u s-sitt uliedna għamilna fl-01.02.2010 saret b'rikatt mit-tifel tagħna Joseph Camilleri u għalhekk hija nulla u bla effett."*

Din id-dikjarazzjoni ġiet iffirmata mhux biss minnhom, iżda wkoll mill-ħames (5) uliedhom l-atturi odjerni u n-Nutar John Spiteri.

08.07.2010 **<u>Ċertifikat tat-tabib tal-familja Dr Christopher Deguara</u>**[6] fejn iddikjara li John u Antonia Camilleri "*are both mentally lucid*" u "*fit to dispose of their belongings".*

22.07.2010 **<u>Prokura ta' John Camilleri</u>**[7] (missier il-kontendenti) favur il-konvenut.

07.09.2010 **<u>Ċertifikat tal-psikjatra Dr Anthony Dimech</u>**[8] fejn wara li eżamina lil Antonia Camilleri irrakomanda li ssir interdetta.

*"…suffers from cognitive impairment, cardiac problems, insulin-dependant diabetes and has a past history of stroke (CVA) and depression….her memory was severely impaired with problems with both registration and retrieval. Her concentration was also signficantly impaired….nursing staff confirmed a chronic cognitive impairment…."*

---

5 Dok EMM3, fol 34

6 Fol 35

7 Fol 176-178

8 Dok EMM4, fol 36-37

19.10.2010 **Rikors tal-atturi odjerni għall-interdizzjoni tal-ġenituri tagħhom John u Antonia Camilleri[9]** (residenti f' dar tal-anzjani il-Mosta).

16.01.2011 Miet missier il-kontendenti, John Camilleri[10].

24.03.2011 **Prokura ta' Antonia Camilleri** (omm il-kontendenti) favur il-konvenut.[11]

15.04.2011 **Ċertifikat tal-psikjatra Dr George Debono[12]** fejn qal li Antonia Camilleri għandha "*contractual capacity*".

19.04.2011 **Donazzjoni magħmula minn Antonia Camilleri[13]** fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia lil Yvonne Camilleri (mart binha l-konvenut) ta' 11/24 partijiet indiviżi minn garage bin-numru 12, Triq Dun Karm Xerri, Naxxar (valur dikjarat: €16,000)

14.06.2011 **Risposta tal-konvenut[14]** fejn qal li "*riċentement"* sar jaf bil-proċeduri biex ommu tiġi interdetta. Huwa sostna li mhux minnu li mhix fi stat li tieħu ħsieb ħwejjiġha u għalhekk insista li t-talba ta' ħutu (l-atturi odjerni) biex ommu tiġi interdetta tiġi miċħuda. Huwa għamel riferenza għaċ-ċertifikati tal-psikjatra Dr George Debono tal-11 ta' Diċembru 2009 u tal-15 ta' April 2011.

22.06.2011 **Antonia Camilleri għamlet it-testment (sigriet)**[15] mertu ta' din il-kawża, fejn innominat lill-konvenut bħala l-uniku eredi universali tagħha.

12.07.2011 **Antonia Camilleri għamlet dikjarazzjoni[16]** (maħluf quddiem in-nutar Burlo) fejn qalet is-segwenti:

*"- nhar is-17 ta' Ġunju 2007 jien u r-raġel tiegħi John Camilleri għamilna skrittura (li għalina kienet torbot daqs li kieku għamilniha taħt ġurament) li permezz tagħha għaddejna d-dritt ta' kumpens li kellu jtina l-Gvern fuq art*

---

[9] Fol 40
[10] Ċertifikat tal-mewt fol 124
[11] Fol 179-180
[12] Fol 130 u tergo
[13] Fol 165 et seq
[14] Fol 128
[15] fol 6
[16] Dok DB1, fol 204

*li ħadilna tal-Magħtab lit-tifel tagħna Joseph Camilleri;*

*- fil-fatt il-Gvern ħallasna din is-somma u aħna għaddejniha lit-tifel tagħna Joseph bħala kumpens ta' kemm dar bina u tas-serviġi li rrendilna;*

*- bħala kumpens ta' kemm dar bina u tas-serviġi li għamel magħna u li għandu jagħmel miegħi għaddejnilu ukoll il-qbiela tar-raba kollha li kellna tal-Magħtab, ossia tal-Għallis u l-beni li kellna l-Magħtab ossia tal-Għallis."*

09.11.2011 **Rapport tal-perit psikjatra Dr Joseph Vella Baldacchino**[17], fejn wara li eżamina lil Antonia Camilleri irrakkomanda li tiġi **interdetta.**

*"…għandha menomazzjoni fil-kapaċita` konjittiva tagħha. Mill-eżami psikiku deher ċar illi l-memorja għal episodji riċenti hija mnaqqsa ħafna u aktar għandha memorja għal fatti remoti. Minkejja l-fatt illi ma jidhirx li tbati minn xi kundizzjoni psikjatrika akuta, stajt nikkonstata li l-funzjonament konjittiv tagħha huwa mnaqqas konsiderevolment. Dan jista' jkun minħabba l-fattur tal-eta` kif ukoll numru ta' kundizzjonijiet li jista' jwasslu għal nuqqas ta' ċirkolazzjoni fil-moħħ u tippreżenta kwadru kliniku ta' demenzja li tista' tkun tat-tip "multi-infarct". Fid-diskors tagħna kien hemm evidenza ta' disartria (titkellem b'ilsienha tqil) u f'xi żmien kienet anke tieħu l-warfarina. Dan jista' jfisser li fil-passat seta' kellha xi stroke. Għaldaqstant is-sinjura Camilleri hija vulnerabbli u tista' tiġi esplojtata minn terzi.*

*Nirrakomanda illi tiġi interdettata u jinħatar kuratur biex jissalvagwardja l-interessi tagħha."*

09.11.2011 **Digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) li permezz tiegħu ġiet interdetta Antonia Camilleri**[18]. Il-Qorti innominat lill-attriċi Josephine Camilleri bħala kuratriċi tagħha.

29.11.2011 **Rikors tal-konvenut fejn talab ir-revoka**[19] *contrario imperio* tad-digriet tal-interdizzjoni ta' Antonia Camilleri; u alternattivament li tiġi ordnata l-*inabilitazzjoni*, u li f'tali eventwalita` ikun hu li jiġi nominat kuratur tagħha.

[17] Dok EMM8, fol 49 et seq
[18] Fol 41
[19] Dok EMM9, fol 54-55

10.05.2012 **Nota tal-perit psikjatra Dr Joseph Vella Baldacchino**[20] fejn ikkonferma li Antonia Camilleri mhix mentalment kapaċi biex toqgħod f'kawża, biex tagħmel testment jew kuntratti li permezz tagħhom tittrasferixxi beni u/jew tidħol f'obbligi kuntrattwali.

18.07.2012 **Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġudisdizzjoni Volontarja)** wara li qieset id-dikjarazzjoni kategorika li għamel il-perit psikjatra fin-nota tiegħu, ikkonkludiet li ma kienx il-każ li tħassar jew tvarja d-digriet tagħha tad-9 ta' Novembru 2011. Għalhekk **ċaħdet ir-rikors tal-konvenut**[21].

01.04.2014 Mietet Antonia Camilleri.

8. Minn din it-"*timeline*" wieħed ma jistax ma josservax fl-ewwel lok il-kontradizzjonijiet fid-dikjarazzjonijiet u l-aġir tal-ġenituri tal-kontendenti, senjatament fejn:

- iddikjaraw li għandhom fiduċja fil-konvenut, imbagħad iddikjaraw li m'għandhomx, imbagħad il-missier, u ftit wara l-omm, għamlu prokuri favur tal-konvenut; u

- iddikjaraw li riedu li l-ġid kollu tagħhom jinqasam ugwalment bejn is-sitt aħwa u li l-konvenut ma ħaqqu xejn iktar minn uliedhom l-oħra għad-doveri li għamel fil-konfront tagħhom stante li l-oħrajn kollha jagħmlu doveri bla ħlas, imbagħad l-omm iddikjarat li l-kumpens li kienu ħadu mingħand il-Gvern tal-art għaddewh lill-konvenut bħala <u>serviġi</u> ta' kemm dar bihom. Barra minn hekk l-omm għamlet donazzjoni ta' sehem

[20] Fol 57
[21] Fol 58

indiviż minn garaxx lil mart il-konvenut u għamlet ukoll testment fejn ħalliet kollox lill-konvenut (ir-raġuni għaliex saret il-kawża odjerna).

9. Minn dan kollu huwa evidenti li (kif osservat l-ewwel Qorti) kienet qed issir pressjoni indebita miż-żewġ naħat fuq il-ġenituri tagħhom. Jidher pero` li filwaqt li dak li xtaqu l-atturi kien li l-aħwa kollha jieħdu l-istess mill-ġid tal-ġenituri tagħhom; il-konvenut jidher li ippretenda iktar minn hekk. Ta' sinifikanza partikolari huwa l-fatt li hekk kif il-konvenut sar jaf li kien hemm proċeduri għall-interdizzjoni ta' ommhom, u ppreżenta r-risposta relattiva għar-rikors ta' ħutu, **proprju ġimgħa wara sar it-testment ta' ommu, fejn adirittura ħallietlu kollox!**

10. Huwa minnu li l-azzjoni odjerna mhix ippernjata fuq l-inkapaċita` mentali tal-omm, u għalhekk din il-Qorti mhix ser tiffoka wisq fuq ir-riżultanzi tal-psikjatri/tobba fir-rigward. Madanakollu ma jistax jiġi kkontestat li fiż-żmien li sar it-testment, Antonia Camilleri kienet mara anzjana u vulnerabbli u allura ferm suxxettibbli għad-*dolo*. Ovvjament, il-fatt innifsu li kienet vulnerabbli ma jfissirx "awtomatikament" li t-testment għamlitu għaliex kienet imġegħlha, kif tajjeb jargumenta l-konvenut appellant. Iżda l-kundizzjoni tagħha, flimkien mas-segwenti fatti, cioe`:

(i) l-fatt li t-testment sar ġimgħa wara li l-konvenut sar jaf bil-proċeduri tal-interdizzjoni;

(ii) iċ-ċirkostanzi tal-mod kif sar it-testment u x-xiehda xejn kredibbli tal-konvenut fir-rigward; u

(iii) id-dinamika familjari tal-konvenut u martu vis-à-vis Antonia Camilleri li toħroġ mid-DVD li ppreżenta l-konvenut stess,

jindikaw mhux bil-ftit l-intervent tiegħu. Dan kollu jimmilita konsiderevolment kontra l-allegazzjoni tal-konvenut li t-testment sar liberament minn ommu u li ma kinitx imġegħla minnu biex tagħmlu u tiffavorixxi lilu.

11. Veru li n-Nutar Marco Burlo xehed li Antonia Camilleri kienet waħedha miegħu u mas-segretarja tiegħu meta qaltlu kif riedet tiddisponi minn ġidha, u veru wkoll li xehed li ma kien hemm xejn li seta' wasslu biex jissuspetta li kienet qed tagħmel it-testment kontra r-rieda tagħha, madanakollu, dan ma jeskludix li hija kienet fil-fatt imġegħla mill-konvenut biex tagħmel it-testment u tħallilu kollox. Ta' rilevanza ukoll hu l-fatt li tqabbad nutar li mhux soltu jinqdew bih, bħal ma kien in-Nutar John Spiteri.

12. Bint il-konvenut, Priscilla Agius xehdet li nannitha kienet qaltilha biex iġġibilha nutar u li hija kienet sabet lin-nutar Burlo fuq il-"*yellow pages*" u talbitu jmur fid-dar tal-anzjani "*biex jara x'għandha bżonn".* Qalet

li kienet iltaqgħet miegħu u mas-segretarja tiegħu barra d-dar tal-anzjani u spjegatilhom fejn kienet il-kamra ta' nannitha.

13. Il-konvenut da parti tiegħu xehed hekk:

> "*ma kelli x'naqsam assolutament xejn mat-testment li ommi għamlet man-Nutar Dr Marco Burlo fit-22 ta' Ġunju 2011 u lanqas biss kelli idea illi dan it-testment kien qed isir.*
>
> *Jiena sirt naf illi ommi għamlet dan it-testment meta rajt il-kont tan-nutar. Ma niftakarx jekk kontx irċevejt il-kont id-dar jew kontx rajtu meta mort nara lil ommi ġewwa l-home. Li naf hu illi meta rajt il-kont u mort inżur lil ommi bħas-soltu ġewwa l-home ommi kienet qaltli li għamlitu u li ġabitilha n-Nutar binti, Priscilla Agius.*

14. <u>In-Nutar Dr Marco Burlo</u> xehed li t-testment sar fid-dar tal-anzjani fejn kienet residenti Antonia Camilleri. Jirriżulta li n-Nutar fil-fatt mar darbtejn: l-ewwel darba meta sar it-testment (fit-22 ta' Ġunju 2011), u t-tieni darba meta saret id-dikjarazzjoni Dok DB1 (fit-12 ta' Lulju 2011), *vide supra.* (Jiġi enfasizzat li kemm it-testment, u kif ukoll id-dikjarazzjoni, jiffavorixxu lill-konvenut u huma ta' vantaġġ għalih). In-Nutar xehed li ltaqa' mal-konvenut barra r-residenza tal-anzjani, għalkemm mhux ċert jekk dan kienx l-ewwel jew it-tieni darba li mar: "*Iltqajt mas-sinjur barra, ma nafx jekk biex jurini fejn, la naf l-ewwel darba jew it-tieni darba, ma nafx.*" Xehed ukoll li jekk jiftakar sew, il-konvenut kien mar għandu. Xehed ukoll illi l-flus tahomlu l-konvenut: "*Tani l-flus dak li imbagħad meta nfetaħ it-testment kien il-werriet, il-konvenut.*"

15. Kif osservat l-ewwel Qorti, il-konvenut mhux kredibbli meta jgħid li

induna li ommu kienet għamlet testment meta sab il-kont tan-Nutar. Huwa verament assurd da parti tal-konvenut li jippretendi li din il-Qorti sejra temmen li "**kumbinazzjoni"** proprju l-istess żmien li sar jaf li ħutu fetħu proċeduri biex ommhom tiġi interdetta (għal liema interdizzjoni huwa oppona bil-qawwa kollha), ommu talbet nutar, u bintu ħaditulha, u li hu lanqas biss kellu idea li kien qed isir it-testment!

16. Finalment, b'riferenza għad-DVD fejn tidher qegħda titkellem Antonia Camilleri, apparti l-fatt li dakinhar (23.01.2013) kienet diġa` interdetta, kif osservat l-ewwel Qorti, jinstema' diskors suġġestiv tal-konvenut u ta' martu (fejn kienu qed isaħħnuha kontra uliedha l-oħra) u għalhekk din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tagħti piż id-diskors ta' Antonia Camilleri. Jekk xejn dan id-DVD[22] huwa evidenza ta' kemm il-konvenut u martu ma kinux joqogħdu lura milli jxewxu u jimlew lil Antonia Camilleri kontra uliedha l-oħra, fatt li kompli jsaħħaħ il-konklużjoni tal-ewwel Qorti (u ta' din il-Qorti) li Antonia Camilleri kienet imġegħla mill-konvenut biex tagħmel it-testment in kwistjoni.

17. Din il-Qorti, fid-dawl tas-suespost, hija moralment konvinta li meta Antonia Camilleri għamlet it-testment tat-22 ta' Ġunju 2011 kienet imġiegħlha sabiex tagħmlu mill-konvenut.

[22] DVD jinsab f'involokru tal-plastik wara fol 171

**Decide**

18. Għal dawn il-motivi din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tiddisturba l-konklużjonijiet tal-ewwel Qorti, u għalhekk qegħda tiċħad l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza appellata *in toto.*

19. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-konvenut appellant.

Joseph Azzopardi
Prim Imhallef

Giannino Caruana Demajo
Imhallef

Noel Cuschieri
Imhallef

Deputat Registratur
gr